



Dokument ta' sessjoni

**B8-0685/2017 }
B8-0687/2017 }
B8-0688/2017 }
B8-0690/2017 }
B8-0693/2017 } RC1**

13.12.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

ECR (B8-0685/2017)

Verts/ALE (B8-0687/2017)

S&D (B8-0688/2017)

ALDE (B8-0690/2017)

PPE (B8-0693/2017)

dwar il-libertà ta' espressjoni fil-Vjetnam, b'mod partikolari l-każ ta' Nguyen Van Hoa
(2017/3001(RSP))

**Cristian Dan Preda, Tomáš Zdechovský, David McAllister,
Jaromír Štětina, Claude Rolin, Bogdan Brunon Wenta, Tunne Kelam,
Pavel Svoboda, Patricija Šulin, Elisabetta Gardini, Csaba Sógor,
Ivan Štefanec, Michaela Šojdrová, Laima Liucija Andrikienė,
László Tóké, Ivana Maletić, Milan Zver, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz,
Adam Szejnfeld, Eduard Kukan, Dubravka Šuica, Ramona Nicole
Mănescu, Sandra Kalniete, Lars Adaktusson, Marijana Petir,
Andrey Kovatchev, Seán Kelly, Deirdre Clune, Roberta Metsola,
Anna Záborská, Jeroen Lenaers, Inese Vaidere, José Ignacio Salafranca
Sánchez-Neyra, Stanislav Polčák, Elmar Brok**
f'isem il-Grupp PPE

RC\1141953MT.docx

PE614.308v01-00 }
PE614.310v01-00 }
PE614.311v01-00 }
PE614.313v01-00 }
PE614.316v01-00 } RC1

Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post, Neena Gill

f'isem il-Grupp S&D

**Charles Tannock, Ruža Tomašić, Branislav Škripek, Urszula Krupa,
Notis Marias, Valdemar Tomaševski, Jana Žitňanská, Monica Macovei,
Angel Dzhambazki**

f'isem il-Grupp ECR

**Pavel Telička, Petras Auštrevičius, Nedzhmi Ali, Beatriz Becerra
Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová,
Gérard Deprez, Martina Dlabajová, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin,
Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Petr Ježek, Ilhan Kyuchyuk,
Patricia Lalonde, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart,
Norica Nicolai, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš,
Robert Rochefort, Marietje Schaake, Ramon Tremosa i Balcells,
Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Hilde Vautmans,
Cecilia Wikström**

f'isem il-Grupp ALDE

**Barbara Lochbihler, Heidi Hautala, Bodil Valero, Maria Heubuch,
Ernest Urtasun, Bronis Ropé, Igor Šoltes, Davor Škrlec, Sven Giegold,
Michel Reimon, Michèle Rivasi, Jordi Solé**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Ignazio Corrao, Fabio Massimo Castaldo, Isabella Adinolfi

f'isem il-Grupp EFDD

Barbara Kappel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-libertà ta' espressjoni fil-Vjetnam, b'mod partikolari l-każ ta' Nguyen Van Hoa (2017/3001(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Vjetnam,
 - wara li kkunsidra s-Seba' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam tal-1 ta' Diċembru 2017,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam iffirmit fis-27 ta' Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2008,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi li l-Vjetnam aderixxa miegħu fl-1982,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tat-26 ta' Frar 2016 fil-każ 1409/2014/MHZ dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea li twettaq minn qabel valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE tqis li l-Vjetnam huwa sieħeb importanti fl-Asja; billi fl-2015 seħħ il-25 anniversarju tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Vjetnam; billi l-ambitu ta' dawn ir-relazzjonijiet twessa' bil-ħeffa, mill-kummerċ u l-ġhajjnuna għal sħubija aktar komprensiva;
- B. billi l-vidjografu u blogger ta' 22 sena Nguyen Van Hoa ġie rrapportat nieqes mill-familja tiegħu fil-11 ta' Jannar 2017, u wara ħareġ li kien ġie detenut mill-pulizija mingħajr mandat uffiċjali;
- C. billi Nguyen Van Hoa inizjalment ġie arrestat taħt l-Artikolu 258 tal-Kodiċi Penali tal-Vjetnam u mixli li kien "abbuża mil-libertajiet demokratiċi biex imur kontra l-interessi tal-istat"; billi f'April 2017, dawn l-akkużi tqawwew għal ksur tal-Artikolu 88; billi l-Artikolu 88 tal-Kodiċi Penali ntuża ħafna kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li kixfu abbużi fil-Vjetnam;
- D. billi, fis-27 ta' Novembru 2017, Nguyen Van Hoa ġie kkundannat għal seba' snin ħabs talli xerred informazzjoni online, inklużi filmati, dwar id-diżastru ambjentali li ġara f'April 2016 fil-Provinċja ta' Ħa Tinh, meta Formosa Ħa Thinh, kumpanija tal-azzar Tajwaniża, ikkawżat skariku illegali ta' skart industrijali tossiku fil-baħar, li ħalla effetti ambjentali devastanti tul 200 km ta' kosta, qatel organiżmi tal-baħar u għamel ħsara lill-

RC\1141953MT.docx

PE614.308v01-00 }
PE614.310v01-00 }
PE614.311v01-00 }
PE614.313v01-00 }
PE614.316v01-00 } RC1

bnedmin;

- E. billi dan id-diżastru qajjem għadab wiesa' fost il-popolazzjoni Vjetnamiża, u wassal għall-mobilizzazzjoni ta' netwerks soċjali u għal dimostrazzjonijiet paċifiċi enormi fl-ibliet il-kbar kollha tal-Vjetnam; billi l-arrest ta' Nguyen Van Hoa kien wieħed minn sensiela ta' arresti mill-awtoritajiet Vjetnamiżi fil-jiem ta' qabel il-festa ta' Tet;
- F. billi l-Qorti Popolari tal-Provinċja ta' Ħa Tinh sabet lil Nguyen Van Hoa ħati li pproduċa propaganda kontra l-istat taħt l-Artikolu 88 tal-Kodiċi Penali, wara proċess li dam saġhtejn u nofs; billi Nguyen Van Hoa ma tħalliex ikollu aċċess għal avukat li jirrappreżentah waqt il-proċess;
- G. billi, fit-30 ta' Novembru 2017, qorti Vjetnamiża kkonfermat is-sentenza ta' 10 snin ħabs ta' blogger oħra, Nguyen Ngoc Nhu Quynh, għal propaganda kontra l-istat wara li kitbet kontributi online kritiċi fuq id-degradazzjoni tal-ambjent, il-politika u l-imwiet waqt id-detenzjoni mill-pulizija;
- H. billi l-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-proċeduri u l-mekkaniżmi speċjali tiegħu iddenunzjaw ripetutamente l-Artikolu 88 tal-Kodiċi Penali, flimkien ma' diversi dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi, bħala ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- I. billi l-biċċa l-kbira tal-midja huma proprjetà tal-istat u huma kkontrollati minnu; billi l-libertà tal-istampa hija ristretta bil-kbir; billi l-Vjetnam huwa kklassifikat fil-175 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi tal-Libertà tal-Istampa 2017 ta' Reporters Without Borders; billi, b'reazzjoni għall-għadab wiesa' fost il-popolazzjoni Vjetnamiża wara d-diżastru fil-Provinċja ta' Ħa Tinh, l-awtoritajiet għal ftit żmien ibblukkaw l-aċċess għan-netwerks soċjali, irreprimew id-dimostrazzjonijiet bil-vjolenza u arrestaw lil dimostranti;
- J. billi, f'April 2016, il-Vjetnam adotta Liġi dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni u Liġi dwar l-Istampa emendata, li tirrestrinġi l-libertà ta' espressjoni u ssaħħaħ iċ-ċensura, kif ukoll regolamenti li jipprojbixxu d-dimostrazzjonijiet barra l-qrati waqt li jkun għaddejjin il-proċessi;
- K. billi l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin hija ripressa fil-Vjetnam, u billi l-Knisja Kattolika u reliġjonijiet mhux rikonoxxuti, bħall-Knisja Buddista Unifikata tal-Vjetnam, bosta knejjes Protestanti u oħrajn, inklużi membri tal-minoranza etnika tal-Montagnards, għadhom iġarrbu persekuzzjoni reliġjuża ħarxa;
- L. billi, matul is-Seba' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam, ġew diskussi l-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda, ta' reliġjon u twemmin, u l-aċċess għall-infurmazzjoni; billi l-UE sstollinjat id-deterjorament tad-drittijiet ċivili u politiċi fil-Vjetnam; billi ħeġġet lill-Vjetnam biex joħroġ stedinet permanenti lill-Proċeduri Speċjali tan-NU;
- 1. Jikkundanna s-sentenza ta' seba' snin ħabs mogħtija lil Nguyen Van Hoa; jissottolinja li Nguyen Van Hoa eżerċita d-dritt tiegħu tal-libertà ta' espressjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Vjetnamiżi biex jeħilsu lil Nguyen Van Hoa minnufih u mingħajr kundizzjonijiet;

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fl-għadd ta' detenzjonijiet, arresti u kundanni ta' ċittadini Vjetnamiżi bi rbit mal-espressjoni tal-opinjoni tagħhom;
3. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-approċċ dejjem aktar restrittiv meħud mill-awtoritajiet rigward il-libertà ta' espressjoni u libertajiet oħra; jikkundanna, f'dan ir-rigward, l-użu mill-awtoritajiet ta' fastidju psikoloġiku u fiżiku, id-detenzjoni domiciliari, extraġudizzjarja, pressjoni fuq avukati, impjegaturi, sidien tal-kera u membri tal-familja ta' attivisti, u sorveljanza intrużiva; jesprimi t-tħassib, barra minn hekk, dwar ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà ta' moviment biex ma jħallux lil bloggers u attivisti jieħdu sehem f'avvenimenti pubbliċi bħalma huma diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jżommuhom milli jattendu proċessi ta' attivisti oħra;
4. Jappella lill-awtoritajiet Vjetnamiżi biex jeħilsu liċ-ċittadini kollha li sfaw arrestati għaliex eżerċitaw paċifikament il-libertà ta' espressjoni tagħhom;
5. Jappella lill-awtoritajiet Vjetnamiżi biex itemmu r-restrizzjonijiet kollha fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-atti ta' fastidju kontrihom, u li jiggarrantixxu f'kull ċirkostanza li dawn ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalji, u ħielsa minn kwalunkwe restrizzjoni, inkluż mill-fastidju ġudizzjarju;
6. Jesprimi t-tħassib serju dwar l-applikazzjoni estensiva tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà nazzjonali fil-Kodiċi Penali tal-Vjetnam;
7. Jiddenunzja l-użu tal-piena tal-mewt mill-Vjetnam għal ċerti reati ta' sigurtà nazzjonali, kif jippreskrivi l-Kodiċi Penali emendat tal-pajjiż, u l-fatt li l-Vjetnam għadu jagħti sentenzi tal-mewt; itenni l-oppożizzjoni qawwija tal-UE għall-piena tal-mewt, f'kull każ u mingħajr eċċezzjoni; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Vjetnamiżi biex jistabbilixxu moratorju fuq il-piena tal-mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali għar-reati kollha;
8. Ihegġegħ lill-Gvern tal-Vjetnam biex jemenda ċerti Artikoli tal-Kodiċi Penali tiegħu, fosthom l-Artikolu 88 dwar il-propaganda u l-Artikolu 79 dwar attivitajiet maħsuba biex iwaqqgħu l-amministrazzjoni, li ġew iddenunzjati mill-OHCHR bħala ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex jiżgura li kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali ma jintużawx bħala pretest għas-soppressjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' reliġjon u twemmin; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-Liġi l-ġdida dwar l-Assoċjazzjonijiet u l-Liġi dwar it-Twemmin u r-Reliġjon, li mhumiex kompatibbli man-normi internazzjonali;
9. Ihegġegħ lill-Vjetnam biex joħroġ stedina permanenti lill-Proċeduri Speċjali tan-NU, b'mod partikolari lir-Rapporteur Speċjali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni u lir-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jagħtihom aċċess liberu u mingħajr restrizzjonijiet għall-partijiet kollha li jkunu jixtiequ jikkonsultaw;
10. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-ratifika mill-Vjetnam tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u jħeġġu biex jimpenja ruħu fiha b'mod sinifikattiv, inkluż billi jagħmel sottomissjonijiet regolari u dettaljati skont id-dispożizzjonijiet tagħha; jinsisti li l-ebda dikjarazzjoni li tkun

saret taħt it-tortura jew trattament ħażin ieħor mhi ta' min jorbot fuqha bħala evidenza għall-kundanna ta' individwi mixlija bi propaganda jew b'akkużi oħra motivati politikament;

11. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ tas-sħubija u d-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam, u jfakkar fl-importanza tad-Djalogu bħala strument kruċjali li għandu jintuża b'mod effiċjenti biex jakkumpanja u jinkoraġġixxi lill-Vjetnam fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE qajmet il-kwistjonijiet tal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni u taż-żieda fl-għadd ta' detenzjonijiet, arresti u kundanni matul is-Seba' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni bil-qawwa biex tissorvelja l-progress taħt id-Djalogu permezz tal-introduzzjoni ta' parametri referenzjarji u mekkaniżmi ta' sorveljanza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ biex jibqgħu iqajmu l-kwistjoni tal-libertà ta' espressjoni fid-djalogu regolari tagħhom mal-Vjetnam, inkluż waqt Is-Summit Asja-Ewropa (ASEM) li jmiss fi Brussell fl-2018;
13. Jappella lill-awtoritajiet Vjetnamiżi biex jindirizzaw id-diżastru ambjentali fil-Provinċja ta' Ħa Tinh, li kkawża l-mewt ta' masen ta' ħut fir-reġjun u affettwa l-ħajjiet ta' eluf ta' persuni, permezz ta' miżuri leġiżlattivi għar-restawr u r-riabilitazzjoni tal-ekonomija lokali;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), kif ukoll lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Vjetnam.